MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Numru. 372/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jonathan Agius**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Jonathan Agius ta’ 27 sena, bin Vincent u Manuela nee’ Zammit, imwieled Pieta’ nhar 01/01/79 u residenti fil-fond numru 41, Vinciana, Triq iz-Zernieq, San Pawl u detentur tal-karta tal-identita’ numru 83079(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ 5 ta’ Marzu, 2006, ghal habta tas-siegha u nofs ta’ filghodu (0130hrs), gewwa Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar,

a) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghed il-hajja ta' David Lucey ta Nazzjonalita Maltija f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, fuq il-persuna jew igibilha disordni f'mohha wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi xejjer diversi daqqiet ta' ponn lejn il-partijiet vitali tal-gisem ta' l-imsemmi David Lucey,

b) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta offizi gravi fuq il-persuni ta' l-imsemmija David Lucey liema offizi igibu mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq,

c) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Paul Lucey;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 28 ta' Awwissu 2009 (esebita a fol. 103 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41(1)(a)(b), 214, 215, 216 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 18, 214, 215, 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 18, 214, 215, 217 u 221(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikolu 17, 23, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar 2010, l-imputat Jonathan Agius ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li allegatament sehh fl-istabbiliment tal-Fuego,il-Qawra, San Pawl il-Bahar fil-5 ta' Marzu 2006 fejn qed jigi allegat li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Lucey u griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paul Lucey. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar id-dinamika tal-incident. L-ahwa Lucey[1] qed jallegaw li l-imputat li kien wiehed mis-security personnel fl-istabbiliment in dizamina l-ewwel imbotta lil Paul Lucey mal-art waqt li hu u huh kienu sejrin lejn it-toilet u sussegwentement wara li dawn it-tnejn kienu hargu minn got-toilet u kienu fuq id-dance floor beda' jsawwathom it-tnejn ghall-ebda raguni ta' xejn u mbaghad meta huma inhargu barra komplew jigu attakkati mis-security personnel l-ohra tal-post. L-imputat[2] min-naha l-ohra qal li huwa parti minn xogholu li jara li ma jinqalax disgwid bejn in-nies li jkunu fl-istabbiliment u li ma jinqalax glied. Huwa spjega li kien innota lill-ahwa Lucey u lin-nisa taghhom jagixxu b'mod irrazzjonali ghaliex huma bdew jaghmlu hafna storbju u qishom jillatikaw ma xulxin u ghalhekk huwa kellu ghajnejh fuqhom sabiex jaccerta ruhu li ma jinqalax inkwiet. Huwa spjega li f'hin minnhom ra lill-ahwa Lucey jmorru t-toilet u malli hargu dawn bdew jagixxu b'mod aktar irrazzjonali u mhux tas-soltu u ghaldaqstant huwa qaghad vicin taghhom meta f'mument minhom wiehed mill-ahwa mar fuqu qallu 'hallina toqghodx taqbad maghna' u mbaghad iz-zewg ahwa imbuttawh mal-art, qabzu fuqu u bdew jaghtuh fejn huwa wegga' jdejh u subghajh skond kif jirrizulta mic-certifikati medici esebiti a fol. 115 sa 117 tal-atti processwali. Mill-atti jirrizulta wkoll li mbaghad dahlu zewg security personnel ohra tal-post, certu Jonathan Micallef[3] u Raymond Zmmit[4], li hargu liz-zewg ahwa l-barra mil-istabbiliment fejn Paul Lucey sab flixkun tal-hgieg barra u beda' jxejru lejn in-nies u lejn is-security personnel li kien hemm barra sakemm imbaghad hargu in-nisa tal-ahwa Lucey minn gewwa u huma telqu minn fuq il-post.

---

[1] David Lucey xehed waqt l-udjenza tat-13 ta' Gunju 2008 u Paul Lucey xehed waqt l-udjenza tat-28 ta' Awissu 2008.
[2] Huwa xhed f'dawnil-porceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju 2010.
[3] Li xehed waqt l-udjenza tal-15 ta Mejju 2009.
[4] Li xehed waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2009.

Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-ahwa Lucey hija korroborata min-nisa taghhom filwaqt li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat hija korroborata miz-zewg security personnel Jonathan Micallef u Raymond Zammit.

Wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-atti processwali l-Qorti tinsab konvinta li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-incident de quo sehh kif qed jallega hu u mhux kif qed jghidu l-ahwa Lucey. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti :-

1. Mic-CCTV recording[5] jidher car li kienu l-ahwa Lucey li mbuttaw lil-imputat mal-art u bdew isawtuh u jirrizulta wkoll li kien Paul Lucey li qala' d-disgwid barra l-istabiliment.
2. Kemm PS 300 Alfred Abela kif ukoll PS 635 Alan Calleja kkonfermaw li huma kienu raw il-kontenut tac-CCTV recording u wara li vverifikaw li dan ir-recording ma kienx edited setghu jikkonstataw li l-fatti sehhew kif spjegahom l-imputat.
3. Irrizulta li kienu s-security personnel tal-istabbiliment Fuego li talbu l-assistenza tal-Pulizija u li l-ahwa Lucey marru jaghmlu rapport wara li ghaddew jumejn mill-allegat incident.
4. Il-komportament tal-ahwa Lucey u tan-nisa taghhom meta dawn xehdu viva voce quddiem din il-Qorti kien tali li gieghel lil din il-Qorti tiddubita serjament mill-kredibiita' tal-istess xhieda.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkaguna l-allegati griehi fil-konfronti tal-ahwa Lucey.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

---

[5] Cd relattiv inserit a fol/ 47 tal-atti processwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------